MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 18/2006

**Josef Gauci**

**vs**

**Carmelo Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Ottubru, 2006, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“***Introduzzjoni*
>
> Illi din il-kollizjoni ssuccediet fis-16 ta' Jannar 2005 meta waqt li r-rikorrent Gauci kien qed isuq vettura tal-marka Toyota Tercel b' numru ta' registrazzjoni JOS-131 huwa kellu incident mal-vettura numru ta' registrazzjoni FBA-778 tal-marka Mitsubishi misjuqa mill-intimat Carmen Borg. Il-habta saret

fil-kantuniera li qeghda ezatt kif iddur ma' l-HSBC Branch ta' Wied il-Ghajn minn Triq Sant Antnin ghal Triq id-Dugh.

Gauci stqarr illi huwa kien gej min-naha ta' Grabiel, cioe minn isfel mil-lemin, qabad Triq Sant Antnin biex idur ma' l-HSBC Branch u jibqa’ sejjer fit-triq sekondarja. Kif kien qed idur ra vettura gejja minghajr kontroll u li qed tiskidja, waqaf, daqqlu l-horn l-iehor baqa’ gej u saret il-habta.

Da parti tieghu Borg jghid illi kienu gejjin mir-restaurant San Antonio, qabdu Triq id-Dugh biex jidhlu ghal Triq San Antnin biex jigbed lejn id-direzzjoni ta' Haz-Zabbar biex imur Hal Luqa fejn joqghodu. Kif gie fil-kantuniera ra vettura li fegget minn fuq il-lemin tieghu inhasdu t-tnejn li huma u saret il-habta.

*Fatti*

Illi r-rikorrent Gauci kellu passiggiera mieghu certa Beverly Farrugia li kienet ikkonfermat il-versjoni moghtija minn Gauci. Dawn isostnu illi fil-mument tal-habta huma kienu weqfin, waqfu qabel il-habta peress li raw lil Borg gej fid-direzzjoni taghhom fil-karreggjata hazin tat-triq u jallegaw ukoll li rawh jipprova jwaqqaf il-karozza pero fil-fatt baqghat miexja, rawh jiskidja u baqa’ gej ghal go fihom.

Da parti tieghu Borg kellu tliet persuni ohra mieghu fil-karozza ossia, ir-ragel tat-tifla fuq quddiem u t-tifla u l-mara tieghu fuq wara b' zewgt itfal f' nofshom. Dawn ikkonfermaw il-versjoni moghtija minn Borg illi, il-habta saret fil-kantuniera fil-mument ta' l-agunija ta' l-incident, ma setghax jevita l-kollizjoni u nfatti sehh l-incident.

*Konsiderazzjonijiet*

Illi, ghandu jigi rilevat illi din it-triq tikkostitwixxi ruhha bhala ambjent fejn huma rilevanti li jigu

ndikati certu regoli. Triq id-Dugh tizbokka fi Triq San Antnin. Triq Sant Antnin hija triq principali waqt li Triq id-Dugh hija Triq laterali jew minuri. Di fatti fil-Highway Code hemm indikat ir-Right of Way.

Fl-Artiklu 212 tghid "unless otherwise indicated, traffic on the major road has a right of way over traffic, crossing, joining or leaving the major road". L-Artiklu 213 jghid "at an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road".

Allura una volta illi Gauci kien qieghed jitla Triq Sant Antnin li hija triq principali biex jidhol fit-Triq id-Dugh li hija triq minuri, allura kellu precedenza fuq Borg li ried johrog minn Triq id-Dugh ghal triq principali ossia Triq Sant Antnin. Dan huwa sintomatiku peress illi min qed jitlaq minn triq minuri biex jidhol go triq principali hu ghandu jadopera aktar prekawzjonijiet sabiex ma jtellifx il-flow of traffic li jkun hemm gia fi triq il-magguri.

Huwa impellenti fuqu illi meta javvicina kantuniera bi sbokka fi triq principali ghandu jaghti aktar attenzjoni sabiex ma jikkostitwix ruhu ta' periklu ghal terzi li qeghdin fit-triq principali. Kif jirrizulta sia mill-isketch u sia mir-ritratti esebiti miz-zewg partijiet wiehed jista’ jikkonstata illi l-vettura misjuqa minn Borg ma kenitx fil-karregjata kif suppost. Mill-mizuri li ha l-istess Warden, il-FBA-778 qed tinvadi l-karregjata li suppost kellu jghaddi fiha r-rikorrent Gauci. Multo magis meta fuq in-naha tal-lemin tal-vettura FBA-778 kien hemm vettura pparkjata li kienet qed tokkupa spazju mal-bankina. Fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess vettura kien hemm karozzi ohra pparkjati. Allura l-ispazju sabiex vetturi jghaddu bejniethom kien limitat ghall-ahhar. F' dan is-sens kellha tigi ghalhekk ezercitata aktar attenzjoni u perizja fil-mument tas-sewqan.

Huwa importanti wkoll li jigi rilevat illi l-habta saret ezatt mal-linja tal-isplay li hemm fil-kantuniera. Mhux hekk biss izda, kif anki ndikat mill-istess sketch u mix-xhieda tal-Warden li nvestiga l-kaz, il-vettura JOS-131 ma halliet l-ebda brake mark. Kuntrarju l-FBA-778 halliet brake mark fuq naha wahda ta' 12.4 meters. Mal-braking distance, ovvjament trid tizdied mat-thinking distance. Fuq dak it-tul, xufier ikollu bzonn mizerjament 9 metri ohra biex jieqaf. Jirrizulta ghalhekk illi halla dak il-brake mark u xorta wahda l-kollizjoni sehhet. Borg ra l-vettura opposta mill-anqas 23 metru qabel, distanza ta' qisu 9 karozzi. Fix-xhieda tieghu Gauci stqarr illi huwa ra l-vettura l-ohra gejja ghal fuqu minn distanza ta' disgha (9) karozzi u dan il-kalkolu li sar kombacjata mal-versjoni moghtija minn ta' Gauci hija verosimili.

Anki jekk wiehed jikkonstata kif spiccaw il-vetturi wara l-habta jirrizulta illi Gauci kien ghandu skuntrat, anchor che bid-daqqa li qala mar lura. Jirrizulta mill-hsarat fuq iz-zewg vetturi illi d-daqqa ta' Gauci kienet fuq quddiem fuq ix-xellug, mentri d-daqqa ta' Borg kienet fuq quddiem fuq il-lemin. Dan ifisser illi l-habta saret vicin hafna tal-kantuniera ossia splay wara illi Gauci kien qieghed jdur.

Minn dan kollu wiehed jista' jislet konkluzjoni illi, meta kien qed idur id-dawra ossia l-kantuniera, Gauci ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta u waqaf, Borg kif kien nizel fit-triq ra lil vettura l-ohra qed iddur u tfegg quddiemu, inhasad, zamm il-brake u xorta wahda pero habat. Jigi rilevat ukoll pero illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet dak il-hin kienet irxiex jew xita u l-vettura ta' Borg gibdet fuq in-naha opposta tat-triq.

Dan huwa rizultat li f' dak il-mument Borg kien qed jaghfas il-brake biex iwaqqaf! Dan ifisser illi waqt is-sewqan tieghu Borg ma kienx qed izomm a

proper look out ta' x' kien qed jigri quddiemu, meta ma kienx attent ghal dak li qed jigri quddiemu u mhux hekk biss inhasad izda tilef il-kontroll tal-vettura u nvada l-karregjata opposta tat-triq.

Ghalkemm ipprova jwaqqaf il-vettura dan xorta ma rnexxilux. Bl-irxiex u xita b' kollox xorta wahda halla brake jew skid marks fl-art tat-triq ghal certa distanza konsiderevoli.

*Danni*

Illi rigward il-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

*Konkluzjoni*

Illi l-arbitru huwa tal-ferma opinjoni illi ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli l-intimat Carmelo Borg minhabba mperizia, nuqqas ta' attenzjoni u traskuragni fis-sewqan. Huwa ma tax id-debita attenzjoni waqt l-istess sewqan u qed jigi kundannat sabiex ihallas lir-rikorrent Gauci s-somma ta' danni fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), bl-ispejjes ghall-istess Borg.**”**

Testwalment, l-aggravju ewlieni ta’ Carmelo Borg fl-appell tieghu mil-lodo ta’ l-Arbitru jikkonsisti fil-kontestazzjoni illi fuq il-provi prodotti dan ma seta’ qatt jikkonkludi illi l-htija ghall-incident awtomobilistiku relattiv ghandha tkun akkollata lilu;

Ghall-esposizzjoni ta’ din il-kontenzjoni tieghu, qed jigu koncizament riprodotti dawn id-deduzzjonijiet rilevanti li jaghmel:-

(1) L-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-appellat kienet imbokkat kwazi ghal kollox it-triq laterali li minnha kien ghaddej hu;

(2) Dan b’ mod inkonsult u minghajr “*proper look out*”;

(3) U bl-invazjoni tal-karreggjata transistata minnu;

(4) L-ezistenza ta’ *brake marks* ma gietx ipprovata, lanqas mill-prova dokumentali li jaghmlu l-iskizz tal-warden u r-ritratti;

(5) L-attribuzzjoni lilu li hu tilef il-kontroll tal-vettura ma tirrizulta minn imkien, hlief mill-iskizz li, skond l-appellanti, huwa errat;

Fit-twegiba tieghu, l-appellat javvanza bi pregudizzjali l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell billi dan ma jikkorrispondix ghad-disposizzjonijiet normattivi ta’ l-Artikoli 70A u 70B tal-Kapitolu 387. Riferibilment ghall-mertu, jissottometti li l-lodo hu validu u ma tezisti ebda raguni ghal varjazzjoni jew ir-riforma tieghu;

Il-principju generali ta’ l-ordinament taghna taht il-Kapitolu 387 in materja ta’ procediment ta’ l-arbitragg hu dak li parti sokkombenti fil-gudizzju tista’ tappella lil din il-Qorti “<u>fuq punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni finali</u>” [Artikolu 70A (1)]. Mhux dan biss, pero`, in kwantu b’ disposizzjoni ohra [Artikolu 70B (1)] huwa espressament rikjest illi l-appellanti “ghandu jidentifika l-punt ta’ ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta’ ligi identifikat”. Kif gja spjegat minn din il-Qorti, minn ezami akkurat ta’ l-artikolu l-ahhar imsemmi, “ma jidherx li hu indispensabbli illi l-impunjattiva trid bilfors tikkontjeni indikazzjoni specifika ta’ xi artikolu tal-ligi li jinghad li gie vjolat. Jibbasta li jigi pprecizat il-punt tal-ligi estratt mis-sentenza attakkata u li tinghata t-tifsira korretta dwaru” (“**Maryanne Scicluna -vs- Dr. Daniela Chetcuti**”, 14 ta’ Marzu, 2007);

Dan premess, hu mistenni illi fil-fazi *rescindente* tal-gudizzju, l-ezami minn din il-Qorti ghandu jkun wiehed limitat ghall-accertament dwar jekk l-appellanti ottemperax

ruhu mad-disposizzjonijiet tal-precitati artikoli tal-ligi specjali, u, in partikolari, ghall-verifika dwar jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellanti f' dan il-kaz tikkorrispondix ezattament ghalihom;

Introduttivament ghall-istharrig li jrid isir, din il-Qorti ma tistax qabel kollox ma tissenjalax illi f' kazijiet ta' arbitragg, u hekk, del resto, minn kull qorti jew tribunal adit mill-mertu, jispetta dejjem lill-Arbitru l-kompitu li jindividwa l-fonti tal-konvinciment proprju skond il-valutazzjoni tieghu tal-provi u dak tal-kontroll fuq l-attendibilita` taghhom. Lilu hi moghtija l-fakolta li mir-rizultanzi istruttorji jaghzel dawk ritenuti maggorment idoneji ghad-dimostrazzjoni tal-veridicita` tal-fatti u li jaghti prevalenza lil mezzi ta' prova tal-wiehed mill-partijiet fuq dak ta' l-iehor;

Ezami anke superficjali tal-lodo impunjat turi li l-Arbitru illimita ruhu ghal konstatazzjoni tal-provi, ghamel l-apprezzament xieraq taghhom bir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-incident, u fuq l-istregwa tal-principju tal-liberu konvinciment irraguna u kkonkluda illi l-fattur determinanti li wassal ghall-iskontru kien in-nuqqas ta' attenzjoni xierqa fis-sewqan mill-appellanti. Evidentement, anke mill-istess kontenut ta' l-aggravju, ic-censura ta' l-appellanti hi wahda li tillimita ruhha merament ghall-kritika tar-rikostruzzjoni apprezzattiva ta' l-incident da parti ta' l-Arbitru. Sinccerament, din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista' jikkwalifika din ic-censura bhala punt ta' ligi li jitnissel mil-lodo a norma ta' l-Artikolu 70A (1), kif ulterjorment amplifikat bis-subinciz (3) tieghu, biex hu jkun jista' jissollecita s-sindakat minn din il-Qorti ta' l-ilment tieghu relattiv ghall-izbalji fl-apprezzament tal-fatti konsegwit mill-Arbitru. Hu taghlim siewi dak li nghad mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "**Paul Gauci -vs- Emmanuele Grech**", 30 ta' Novembru 1953 illi "meta l-Qorti ma ssibx li jezisti tali punt ta' ligi ma jkunx hemm lok li jigu ezaminati kwestjonijiet ta' fatt billi fuq apprezzament ta' fatti d-decizjoni tat-Tribunal hija insindakabbli. Jigu ri-ezaminati dawn il-fatti ghad-definizzjoni tal-kaz bhala konsegwenza ta' l-ezistenza tal-punt ta' ligi". Dan ukoll

fejn jinstab li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell ikun infondat. Ara **Kollez. Vol. XLI P I p 399** u **Vol. XLII P I p 161**;

Certament l-appellanti ma jistax jippretendi illi l-punt ta' ligi jiddixxendi mill-interpretazzjoni diversa tal-fatti prospettata minnu jew li din hi aktar perswasiva minn dik ta' l-Arbitru u allura ghandha tkun sostitutiva ta' dik l-ohra fis-sentenza appellata. Jekk hemm bzonn jigi ripetut dik l-interpretazzjoni tal-fatti hi istituzzjonalment rimessa lill-Arbitru u mhix censurabbli minn din il-Qorti, salv forsi li jkun konvincentement stabbilit illi b' dik l-interpretazzjoni l-Arbitru ivvjola r-regola tad-dritt ghall-materja kontroversa. Sitwazzjoni din, li fil-kaz prezenti, ma tohrogx mill-korp tar-rikors ta' l-appell. L-appell propost, allura, ma jistax jitqies ritwali.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet opposti mill-appellat, l-appell qed jitqies inammissibbli in kwantu irritwalment propost. L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------